MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 539/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**George Frendo (K.I. 361665M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u disgha u sebghin ewro u tmien centezmi (€1079.08c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40159365 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja t’ ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-kapitlu 12;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta’ Mejju, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf u disgha u sebghin ewro u tmien centezmi (€1079.08c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------